Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TLIETA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 12 ta' Jannar 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand DEDICATED MACROS. Is-Sur Spiteri qal li m'ghandniex fondi u iktar minn hekk mahniex *enforcement officers*.

🗁 E-mail rigward permess ta' zvilupp fi Triq il-Linja. Is-Sur Spiteri staqsa fuq x'hiex qed joggezzjona l-Kunsill ghax ha jsir monstru jew ghax ha nifgaw l-area. Hu qal li rridu nkunu cari. Saqsa kif ha nopponu l-izvilupp jekk ga hemm permess. Is-Sur Cordina qal li ghall-premises mhix problema imma jekk ha jsiru *commercial premises* mhux sa jkun hemm fejn jipparkjaw. Il-blokka ghall-bejgh. Pjaga ghar-residenti bil-parking se tkun. Is-Sur Spiteri qal li jew ha naghmlu gwerra jew inkella ha nibdew u ma nkomplux bhal ma gara f'postijiet ohra. Noggezzjonaw bhalha Kunsill dejjem jekk ma harigx il-permess ibbazat fuq il-parking.

🗁 E-mail minghand Sarah Crystal rigward talba ghall-CCTV quddiem entratura ta' garaxxijiet fi Triq id-Dielja u *sleeping policeman.* Intlaqat biss it-talba ghall-i*sleeping policeman*.u dejjem skond il-fondi.

🗁 Kopja Kontro-Protest mis-Sinjuri Falzon fuq incident li sehh quddiem id-dar taghhom fejn giet imfarrka l-karozza tat-tifel taghhom. Il-Kunsill ilu snin jitlob il-parir ta' l-ADT sabiex isir xi haga imma baqa' bla risposta. L-avukat tal-Kunsill ghandu jwiegeb.

🗁 E-mail minghand is-Sur Wirth fuq it-tabella tal-entratura ghal Triq San Duminku waqt il-hin tal-muzew.... Peress li l-permess ma jkoprix il-parti 'Except for Residents', il-Kunsill qed jistenna risposta minghand l-ADT.

🗁 E-mail minghand Marconia Schembri ghall-Nutrition Courses. It-talba giet milqugha.

🗁 E-mail minghand l-Kunsill ta' Hal Balzan rigward *bus shelters* godda. Peress li huma ftit gholjin din il-kwotazzjoni ma ntlaqatx.

🗁 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward Gnien Misrah kola. Dan prezentament qed jigi rrangat u ha jigu ordnati xi bibien. Is-sentenza tal-qorti rigward il-kaz taz-zaghzagh li kellhom xi jghidu mar-residenti hi annessa ma l-ittra u fiha jinghad li l-Kunsill irid jipprovdi *safety measures* li jnaqqsu l-istobju, hmieg u nkonvenjenza lir-residenti. Il-Kunsill iddiskuta l-installazzjoni ta' CCTV u ghandhom jingabu kwotazzjonijiet.

🗁 Talba ghall-ghajnuna minghand is-Sinjorina Mallia sabiex il-Kunsill jghin fl-organizazzjoni tal-Grupp Poeta Maltin. Din it-talba giet milqugha.

**3. BARRIERA WIED INCITA**

Is-Sur Cassar ta rendikont tal-laqghat li l-Perit kellu mal-MEPA. Hu qal li Sid il-barriera mhajjar jaghmel Golf Course. Is-Sur Cassar qal li hu tal-parir li l-Kunsill ma jiehux pozizjoni minhabba li din hija wkoll proposta tal-EIA. Is-Sur Cordina qal wkoll li sa Settembru ha jaghlqu l-entratura ta' Tumas Chetcuti. Qal ukoll li ha jkun hemm diskussjoni miftuha u li jekk irid jista' jibqa' jopera 40 sena ohra ghax ghandu xoghol bizzejjed ghal 40 sena ohra. Is-Sur Bonnici qal li din il-kwistjoni hija ad infinitum minhabba li l-istess materjal li diehel qed jerga' jigi riciklat u jaf ghax dik kienet ta' hatni Schembri and Debattista u din hi barriera li ma tispiccax. Hu qal li l-gurnata ta' qabel l-bierah tela' 50 toner b'kull blokka daqs hiex. Is-Sur Alfred Zammit qalli hu semma wkoll li jekk isib is-sekonda jista' jqattghu ghall-gir jew konkos ghall-art u ghalhekk dubju kemm effettivament din il-barriera ha tispicca qatt.

**4. GREENPAK/WASTESERV**

Is-Sur Cassar qal li kull min jimporta prodott irid ihallas taxxa biex il-materjal jingabar lura u trid tithallas taxxa fuq il-materjal impurtat. Din it-taxxa tithallas mill-Produttur u min ihammeg ihallas b'direttiva Ewropeja. Kull min hu msieheb mal-Greenpak ihallas din it-taxxa u huma jgibu l-ispejjes lura ghax jesportawh. Jistghu jghinu fir-*Recycle Tuesdays*, jaghtu *garbage bags* b'xejn f'kull residenza, jibghatu *leaflets*, bins madwar ir-rahal u anka ghall-*white goods*. Is-Sur Spiteri qal li ahna aktar ma jigbru aktar inaqqsu mill-*weight* tal-mizbliet. Huma offrew ukoll li jigbru l-hgieg li ha jnaqqas deffittivament il-piz. Ha jigu mpoggija fl-entratura ta' binjiet kbar skips zghar tar-riciklagg. Dan se jkun progett pilota ta' tlett xhur. Is-Sur Spiteri qal ha jsibu nru ta' nisa jghallmuhom b'xejn biex dawn imorru jduru n-nies u jghallmuhom. Ha ssir promozzjoni fl-iskola. Jistghu ukoll jimmaginaw progetti bhal Eko Festa u reklamar. Is-Sur Cassar qal li rbahna l-Green Challenge Award fuq ir-riciclagg u kieku n-nies ma jikkoperawx ma rbahniex il-Premju. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li rbahna ghax ir-rahal nadif, ikkultivat u ghandna hafna gonna zghar li jzommu l-ambjent ahjar. Is-Sur Zammit qal li jista wkoll jitfa' skip hdejn Wied Irmiedi ghal min ikollu haxix x'jarmi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha tmexxi u Wasteserv daqshekk mela ghax jew wiehed jew l-iehor. Is-Sur Cordina qal li ta' Hal Balzan interessati u ghandna niltaqghu maghhom sabiex nispjegawlhom is-sistema.

**5. MOZZJONI**

Is-Sur Stefan Cordina qara mozzjoni. Is-Sur Pace qal li din il-mozzjoni tirrigwarda l-impieg tas-Sur Joe Stellini issa li wasal biex jirtira u li wera x-xewqa li jibqa' jahdem.

Is-Sur Alfred Zammit staqsa ghaliex din il-mozzjoni harget issa u ma gietx diskussa qabel. Hu qal li ghalih harget too late ghax kieku harget f'Awissu u hu kien jispicca issa. Hu qal li ghalih personali m'ghandu xejn kontra tieghu imma xogholu ma jaghmlux. Is-Sur Pace qal li ma tressqietx qabel ghax ma xtaqniehx jispicca. Is-Sur Cassar saqsa kif ha nikkontrollaw li l-ammont ta' l-overtime ma jitlax. Is-Sur Pace qal li l-*overtime* jithallas fuq il-laqghat u okkazzjonijiet specjali. Is-Sur Zammit qal li l-laqghat zejda kien jitla'. Is-Sur Bonnici kompla billi qal li dak kien *waste of money*. Is-Sur Spiteri talab sabiex jikkalmaw ftit u ma jsirx fuss fuqha u li hu jaqbel li ghandna nikkontrollaw l-*overtime*. Is-Sur Zammit qal li kieku jigi mpjegat handyman ahjar. Is-Sur Spiteri qal li jekk nikkontrollaw l-*overtime* ghall-attivitajiet biss m'ghandux ikun hemm problemi. Is-Sur Zammit saqsa x'jigri jekk wara l-11.30am jibqa' x-xoghol. Is-Sur Cassar qal li hinu hinu u jitlaq. Is-Sur Zammit saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv fuq tal-petrol per ezempju jekk taf tghidlu fejn mar u kemm hela? Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi kienet tipprezenta ghall-approvazzjoni r-rendikont tal-kilometri mohlija sabiex dan jithallas bir-rata tal-Gvern, kull xahrejn jew gieli iktar imma hi mhux sa tkun daqshekk diffidenti fuq kollega li ma tavdax ir-rendikont tieghu u wara nofs in-nhar tmur ticcekkjalu l-kilometri li jkun ghamel meta hi stess tibghatu l'hemm u l'hawn biex jara dak li jkun mehtieg ghal dik il-gurnata. Is-Sur

Cassar talab sabiex wiehed izomm mal-mozzjoni. Is-Sur Spiteri talab biex ikomplu bil-laqgha u jmexxu. Dawk favur il-mozzjoni: 4 Dawk kontra: 2 Is-Sur Cassar astjena. Mozzjoni ghaddiet bil-kundizzjoni li jsir rimbors ghall-uzu tal-vettura. Is-Segretarju Ezekuttiv saqsiet x'sa jsir mill-ammont ta' leave li fadallu jiehu, kwazi tlett xhur u nofs fuq it-talba li ghamel hu li jithallas tieghu. Is-Sur Spiteri qal li jista' johodhom ghax inkella li gew frankati mill-paga issa li waqa' fuq ir-*reduced* ha jintilfu xorta. Hu kompla billi qal li xahrejn bizzejjed biex jaghti *handover* u li l-Kunsill mhux ha johrog flus ghall-*leave*.

Is-Segretarju Ezekuttiv tenniet li issa li l-Kunsill wasal ghad-decizjoni li s-Sur Stellini jahdem din is-sena u jidhol iehor minfloku u li l-Kunsill kien dejjem itambar fuq is-supervizzjoni fuq ix-xoghol, hi tispera li min jigi mpjegat ikun jiflah sabiex issir supervizzjoni kuljum u hi ha tara li isir.

Is-Sindku talab sospensjoni.sabiex jitkellem Dr.Edward Zammit-Lewis. Hu qal li fuq dak mitlub jirrispondi cioe' il-hrug ta' permessi ghall-Posta/Kiosk AL 119 ta' 2002 jghid granet specifici ghax mhumiex *fixed hawkers*. Hu qal li l-intenzjoni tal-LN ma kienetx hekk ghax kienet intenzjonata ghall-festi pubblici biss. Allura jekk hemm bzonn din trid tinbidel. Hu qal li cekkja din l-iskeda imma ghall-fini ta'allocation u legal notice Ta' Qali jaqa' maghna. Is-Sur Cordian staqsa x'jista' jsir min-naha tal-Kunsill? Dr. Zammit Lewis qal li fejn qatt hadd m'ghamel xejn id-Dipartiment taghtu f'ghajnu din il-kwistjoni issa li wara kollox mhijiex insolvibbli u l-Kunsill huwa konformi ma dak li qed jaghmel. Hu ghandu jiehu jsieb jirrispondi d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Dr. Zammit-Lewis qeleb fuq kwistjoni ohra : Konjugi Falzon Triq is-Sienja – ghamlu protest kontra l-Kunsill u l-ADT. Hu qed jghid li minhabba t-triq il-karozzi qed jidhlu fil-front garden tieghuu l-ADT qalet li l-problema trid tigi ndirizzata mill-Kunsill.

Dr. Zammit-Lewis qal li ma tista' taghmel xejn minghajr l-approvazzjoni ta' l-ADT. Is-Sur Spiteri qal li l-ahjar issir *sleeping policeman* u napplikaw l-ADT. Ahna nikkaverjaw l-ittra billi nibghatu *request following our previous request* that we have asked permission to install traffic calming measures such as a sleeping policemen in Triq il-Linja .

Dr. Edward Zammit-Lewis qal fuq il-kwistjoni l-ohra tal-gardina ta' Triq Tumas Chetcuti hu rriskonta problema u qal lill-Avukat taghhom biex iqabbdu *surveyors,* peress li l-pjanti u l-kuntratti huma antiki ma tistax tghid ta' min hija privatament u m'hemmx pjanti akkurati. Hu qal li m'hemmx prova dokumentata u ma jistghux jinfqu flus. Hu kien sa jiktab lil Toni Abela li jekk ikun *survey* ahjar ghax ma nistghux nirrilaxxaw art li jaf ma tkunx taghhom. Is-Sur Spiteri saqsa ghaliex il-Kunsill qed jinkwieta? Dr. Zammit-Lewis qal li l-Kunsill ma ha xejn anzi naddaf bicca art li hi zdingata. Hu qal li ha jwiegeb li basta jkun hemm prova cara li din hi taghhom u nitfghuha fuqhom.

**6. APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS**

Is-Sur Norbert Pace spjega l-ammonti. Is-Sur Spiteri qal li lis-Sinjura Mifsud ma xtaqx itiha bhas-sena l-ohra u l-anqas ma xtaq ikompli jgharraq is-sitwazzjoni wara dak li diga' gie diskuss fuq membru ta' l-istaff. Is-Sur Cassar ippropona 5% ghall-istaff u 9% ghas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Spiteri qal li hu ra li s-Sinjura Mifsud immiljorat hafna u mill-Accounts li hi tibghatlu jidher l-isforz li ghamlet biex iggib il-flus, kif ukoll wriet li hi ghamlet xogholha bis-serjeta' u kif mitlub. Hu qal li vera li kellu problema fuq il-leave u l-hinijiet imma anka din il-*query* giet indirizzata. Is-Sur Spiteri qal li s-Sinjorina Calleja differenti mis-Sinjorina Cassola. Is-Sur Cordina qal li Yanica l-izjed li tirrispondi t-telefon imma dejjem gie moqdi. Is-Sur Spiteri qal li t-tbezbiza li kienu tawhom is-sena l-ohra u din is-sena ha ntuh FULL ghax il-Kunsill ra l-isforz li sar mill-istaff u li pero' ma jfissirx li dan huwa garantit is-sena d-diehla
.

**7. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Marko Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Lejl ghat-Tard niftehmu ma' tal-festa biex ihallu l-armar. Ha nikkoordinaw hu u Stefan u l-ahjar tkun 3rd September. Ghanhom jingibu *Sponsor*s minghand il-banek.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti

- Kellu s-Sur Goerge Farrugia jitolbu skuza u li jekk ma jitlobx skuza ha nwaqqfulu l-*isponsorship*. Id-decizjoni tal-Kunsill trid tigi mplementata u jrid jigi hawn jitlob skuza. Mhux imbilli qal is-Sur Zammit qallu li hekk sewwa daqqa t'id ma jaghtix u mbaghad jipprezenta ruhhu biex iqassam it-trophies. Dak hu dritt tieghu qal bhalha Kunsillier u li m'ghandu dritt iqabbdu xejn. Is-Sur Spiteri qali li ahjar nezigu li li jigi hawn.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Isiru korsijiet regolari.

Is-Sur J. P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Imdina Road Attard *spaction* mifqugh il-konkos u niezel kollu.
- L-ghajn tal-Bhejjem il-bozoz maqtughin. Ta' hdejn il-*Beauty Salon* u ta hdejn il-*Metre*.
- *Skateboarding* fil-Pjazza, l-monument latrina u storbju. Ipoggu l-anzjani u jistampawhom bil-ballun. Saqsa jekk Gnien il-Palma nistghux nallokaw *area* ghall-i*skateboarding.*
- Jekk jistax jintefa' ftit asphalt fi Triq il-Marg.
- Joe Gauci biex jitnehha t-tarmak mill-Wied.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Pjanta Victor Vassallo tigi olterata fuq zewg affarijiet
- Tintbaghat ittra lir-residenti kollha fuq iz-zbir tas-sigar.
- Mini roundabout fi Triq il-Linja tigi spustjata
- Sabbateo Club nitolbu s-sala flok il-Foyer
- Bring- in site Triq il-Pitkali inehhuhom u ma nistennewx sakemm isiru tal-Greenpak.

**5. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm ghal data mhabbra iktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| Sindku | Data |